

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjużha: ir-rikorrenti

Trade mark kontenjużha kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni KISS COLOR bil-kuluri abjad u aħmar – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 396 996

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Settembru 2019 fil-Każ R 2167/2018-4

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## Rikors ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2019 – etc-gaming u Casino-Equipment vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-803/19)

(2020/C 45/66)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: etc-gaming GmbH (Vjenna, l-Awstrija) u Casino-Equipment Vermietungs GmbH (Vjenna) (rappreżentant: A. Schuster, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitkolu li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tikkundanna lill-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, li tħallas kumpens għat-telf sostnun għal EUR 110 836 927,73 li illegalment, u b'nuqqas tagħha stess ikkawżat lill-patrimonju tar-rikorrenti, billi naqset milli tipprovdi, hekk kif kien meħtieġ, rimedju legali skont l-Artikoli 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (fiktar 'il-quddiem il-“KEDB”) u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (fiktar 'il-quddiem il-“Karta”);
- sussidjarjament, tikkundanna lill-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, fuq il-merti tal-każ, li tħallas kumpens għat-telf sostnun, u/jew li ser jirriżulta fil-futur, li illegalment u b'nuqqas tagħha stess ikkawżat lill-patrimonju tar-rikorrenti, billi naqset milli tipprovdi, hekk kif kien meħtieġ, rimedju legali skont l-Artikolu 6(1) u 13 tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta.
- tikkundanna lill-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, li tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw il-motiv li ġej.

In-nuqqas tal-Unjoni Ewropea, li tagħti effett għar-rekwiżiti taħt il-KEDB u tal-Karta li tipprovd i rimedju legali effettiv wassal sabiex illegalment u b'nuqqas tagħha stess ir-rikorrenti sostnew telf ta' mill-inqas EUR 110 836 927,73. Dan it-telf jikkonsisti fil-fatt li r-rikorrenti, fl-assenza ta' rimedju legali li kien jagħmel possibbli stħarriġ tan-nuqqas mill-qrat nazzjonali, li kellhom obbligu korrispondenti li jagħmlu hekk, li jressqu talba għal deċiżjoni preliminary lill-Qorti tal-Ġustizzja, legalment ma kinux f'pożizzjoni li jiż-ġuwaraw li jingħata effett lid-dritt tal-Unjoni, u għalhekk li tigħi żgurata l-inapplikabbiltà, bħala riżultat tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, tad-dispożizzjonijiet fiskali nazzjonali fuq il-liġi dwar il-logħob tal-ażżard li jirriżultaw f'obbligi li titħallas it-taxxa korrispondenti għal diversi drabi l-ammont tad-dħul mill-bejġħ miksub matul l-istess perijodu.

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2019 – Victoria's Secret Stores Brand Management vs EUIPO – Yiwu Dearbody Cosmetics (BODYSECRETS)

(Kawża T-810/19)

(2020/C 45/67)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Victoria's Secret Stores Brand Management, Inc. (Reynoldsburg, Ohio, I-İstati Uniti) (rappreżentant: J. Dickerson, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċċu tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Yiwu Dearbody Cosmetics Co.Ltd (Yiwu City, iċ-Ċina)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenju: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenju: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni "BODYSECRETS" – Trade mark tal-Unjoni Nru 13 921 978

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Settembru 2019 fil-Każ R 2422/2018-5

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġo:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tawtorizza d-dikjarazzjoni ta' invalidità tar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Nru 13 921 978;
- tikkundanna lill-proprietarju tat-trade mark kontenju għall-ispejjeż.